

# L-isbaħ Ħolma

*Maria Grima*

L-isbaħ ħolma li qatt kelli
Żgur minn moħħi ma tmur qatt,
Tant ħassejtni wisq ferħana
Irrakkontajtha 'l kulħadd!

Ħlomt li qiegħda fis-Santwarju
Fuq is-siġġu quddiem nett,
Lejn ix-xbieha tal-Madonna
Inħares, fi skiet perfett.

F'daqqa rajt lill-Bambin ċkejken
Jitħarrek f'ħoġor ommu,
B'dak il-wiċċ ċkejken u ħlejju
Bi tbissima fuq fommu!

Lill-Madonna jien rajtha
Taqbadlu ċ-ċkejknin idejh,
Tgħinu jinżel minn ħoġorha
Fuq l-artal imidd riġlejh.

Minn hemm fuq bil-mod Hu niżel
U beda miexi lejja,
Ħarist lejh biex nara sewwa
Jekk hux sa jiġi ħdejja.

Għax ma' ġenbi jiena kelli
Tlett nies oħra mixħutin,
Bilqiegħda, jgħidu r-Ružarju
F'devozzjoni miġburin.

Hekk kif Hu quddiemi wasal
Lili nnifsi jien staqsejt,
Jekk huwiex sa jiġi għandi
Ferħ kbir, f'dak il-waqt ħassejt.

Ħarsa ħelwa lili tani
F'ħoġri tela' bla dewmien,
Dak ix-xagħar sabiħ mellistlu
Għannaqtu, bla telf ta' żmien!

Minn ġo ħoġri reġa' niżel
Għal darb'oħra ħares lejja,
Dawk għajnejh saħħru lil qalbi
Dmugħ ta' ferħ feġġ f'għajnejja!

Din il-ħolma qatt ma ninsa
Għalkemm żgur ma tixraqlix,
Għaliex jiena bniedma dgħajfa
Ħlief midimba jien m'inix.

Din il-ħolma spiss tfakkarni
Biex jien nipprova nkun qrib,
Ta' Ġesù u ta' Marija
Sabiex fihom kenn insib.

U nitlob lill-Madonna
Biex dejjem tkun l-Omm tiegħi,
U biex Ġesù fl-Ostja Mqaddsa
Sal-aħħar jibqa' miegħi!